**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 23 ta’ Ottubru, 2018

Rikors Nru : 289/18AL

AB
vs

CD

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie guramentat mir-rikorrent, li permezz tieghu ppremetta :

1. Il-kontendenti żżewġu fid-disgħa (9) ta’ Marzu elf disa’ mija disgħa u tmenin (1989). Minn dan iż-żwieġ kellhom tifla waħda, S, li twieldet fis-26 ta’ Ottubru 1993, li llum b’hekk għandha l-età ta’ erbgħa u għoxrin (24) sena.

2. Il-partijiet isseparaw b’att pubbliku datat l-erbgħa (4) ta’ Frar elfejn u tnejn (2002). Dan l-istat legali u fattwali baqa’ għaddej, anke meta riċentement, l-esiġenzi ta’ binthom (li kellha tarbija) sfurzawhom sabiex għal madwar sentejn u nofs, jgħixu taħt l-istess saqaf biex ikunu f’posizzjoni illi jgħinnuha kemm jistgħu.

Biss dan sar biss sforz tal-bżonnijiet ta' binthom, li kellha bżonn l-appoġġ u l-għajnuna taż-żewġ ġenituri; u dejjem u f'kull każ, qatt ma kien hemm l-intenzjoni jgħixu flimkien bħala raġel u mara miżżewġin. Għalkemm allura l-partijiet għal xi żmien kienu jorqdu ġewwa l-istess dar, effettivament xorta waħda kienu qegħdin jgħixu f'ħajja separata, bi tkomplija tas-separazzjoni ottejnuta fis-sena elfejn u tnejn (2002) u bla ebda prospett ta' rikonċiljazzjoni.

3. Ma hemmx kwistjonijiet ta' manteniment bejn il-partijiet. Inoltre, l-esponenti jiddikjara illi ma jeżisti l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejnu u bejn il-konvenuta. Għaldaqstant, ir-rekwiżiti kollha meħtieġa mill-artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta huma sodisfatti bis-sħiħ.

4. L-esponenti qiegħed jikkonferma l-kontenut ta' dan ir-rikors bil-ġurament tiegħu.

Talab in vista tas-suespost, l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

Tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet, kif maħsub fis-Sub-titolu IV tat-Titolu I tal-Ewwel Ktieb tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-22 ta' Gunju, 2018;

Rat illi l-intimata, fuq domanda tal-Qorti, wiegbet li ma ghandha l-ebda oggezzjoni li jintlaqghu it-talbiet kontenuti fir-rikors promotur;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-4 ta' Frar, 2002;

Illi ir-rikorrenti ipprova illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.